# Il-Leġġenda ta' Bużutruppa (Beżża' t-Truppa)

Joseph Carbone

*Huwa fatt magħruf li l-istejjer u t-tradizzjonijiet orali li jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra permezz tar-rakkonti joffru dettalji storiċi mill-aktar importanti. Dejjem attenti għal dak kollu li jikkonċerna lil Ħal Kirkop, xi xhur ilu Leonard Agius u Joseph Carbone bdew jitkellmu fuq din il-ġrajja, sakemm dan tal-aħħar ħaseb li jkun xieraq li tiġi dokumentata f'dan il-ktejjeb.*

Fi żminijiet imbiegħda, l-attakki mill-furbani fuq il-gżejjer Maltin kien xi ħaġa komuni. Filli tkun bniedem ħieles, tmur fejn trid u f'daqqa waħda ssib ruħek imgħammed u mkaxkar fuq xi mirkeb, bogħod mill-familja u minn artek, sa ma ssib ruħek f'xi suq tal-ilsiera, imperreċ, biex jarawk u jifluk, biex wara tiġi mibjugħ bħala lsir u hemm jibdew it-tbatijiet u min jaf kemm ħruxija tiġi mwettqa fuqek, mis-sid il-ġdid tiegħek. Il-poplu Malti kien jgħix f'biżgħa kontinwu, li ma jmurx xi darba tmissu din ix-xorti ħażina u jsib ruħu tturrufnat minn art twelidu u l-familja.

Fuq dan il-ħbit u attakki mill-kursari in konnessjoni ma' Ħal Kirkop, tingħad leġġenda. Biex ngħid il-verita qatt ma kont smajtha u kont sorpriż, meta smajt il-kelma *bużutruppa* u din l-istorja / leġġenda. Kien Leonard Agius, li qalli din l-istorja, li kien irrakkontahielu Lonzu Chircop. Nardu bla dubju, huwa wieħed mill-Koppin li vera jħobb lil raħal twelidu u fejn jidħol Ħal Kirkop, xejn ma joqgħod ħdejh.

Mela il-leġġenda tgħid xi ħaġa hekk:

Fi żmien imbiegħed, kienet xi ħaġa komuni li l-gżejjer Maltin kienu jisfaw attakkati mill-furbani. Dawk kienu jġorru kulma jsibu jgħodd għalihom, bnedmin, annimali u dak li kienu jsibu quddiem wiċċhom. Il-poplu Malti kien jgħix f'biżgħa kontinwa, li ma jmorrux jaqgħu fil-jasar.



***Il-Koppin jintebħu bl-avvanz tal-furbani***

Darba waħda, xi furbani niżlu l-art biex jisirqu u baqgħu deħlin il-ġewwa, sa ma waslu f'tarf Ħal Kirkop. Dawn kienu nkixfu, peress li l-klieb tal-irziezet u djar fqar tal-Koppin bdew jinbħu. In-nies bdiet tqum u sar magħruf li kien hemm il-furbani fil-qrib, biex bħas-soltu jħarbtu dak li jiġi quddiem wiċċhom. Ingħatat in-nafra u l-Koppin ingħaqdu, armati b'kull ma setgħu jużaw bħala arma, biex jilqgħu lil furbani, bdew ifittxuhom madwar ir-raħal. Il-Koppin iltaqgħu mal-furbani qrib ir-Ramlija, l-inħawi qrib ta' fejn hemm il-Menħir tal-ġebel f'tarf ir-Raħal. Dawruhom minn kullimkien. Minn quddiem u mill-ġnub u minn wara, billi qabżu fl-għelieqi biex staħbewlhom. Xħin il-furbani waslu u kienu f'nofs in-nasba, il-Koppin qabżu fuqhom billi qabżu fit-trejqa minn fuq il-ħitan tas-sejjieħ. Ma ninsewx li t-toroq dak iż-żmien kien kemm kemm jgħaddi karettun, l-aktar tnejn imħaxknin, għalhekk kienu dojoq ħafna. Hawnhekk kienet saret taqtiegħa sewwa u l-furbani laqqtu xebgħa papali mingħand il-Koppin. Tagħna kienu ħarġu rebbieħa.

Il-post bdew isejħulu 'fejn beżżgħu t-truppa' (tal-furbani). Bl-użu tal-lingwa bid-djalett jew għax il-Maltin iħobbu jkissru l-kliem, bdew isejħu l-post bħala *ta' Bużutruppa.*



***Il-Menħir fl-1955***
***(ritratt ta' Joe Agius)***